

32005R1282

L 203/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.8.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1282/2005**tat-3 ta' Awwissu 2005**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 biex jitqies ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000¹, u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003 tal-11 ta' Settembru 2003 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana², għamel tibdiliet fil-kodiċi tan-nomenklatura magħquda għal ċerti prodotti tal-ħut koperti bir-Regolament (KE) Nru 2007/2000.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004 tas-7 ta' Settembru 2004 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana³, għamel tibdiliet fil-kodiċi tan-nomenklatura magħquda għal ċerti prodotti tal-inbid koperti bir-Regolament (KE) Nru 2007/2000.
- (3) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 għandu jiġi aġġustat kif xieraq.

¹ ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 374/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 1).

² ĠU L 281, 30.10.2003, p. 1.

³ ĠU L 327, 30.10.2004, p. 1.

- (4) L-aġġustament fil-kodiċijiet tan-nomenklatur magħquda għandhom japplikaw kif xieraq mid-dati tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti (KE) Nru 1789/2003 – mill-1 ta' Jannar 2004 – u (KE) Nru 1810/2004 – mill-1 ta' Jannar 2005.
- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni kolonna tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2007/2000, għandhom jiġu inkorporati l-emendi li ġejjin:

1. għan-Nri tas-Serje 09.1571 u 09.1573:
 - il-kodiċi NM 'ex 0305 59 90' għandu jinbidel bil-kodiċi NM 'ex 0305 59 80',
 - il-kodiċi NM 'ex 0305 69 90' għandu jinbidel bil-kodiċi NM 'ex 0305 69 80',
2. għan-Nri tas-Serje 09.1575 u 09.1577:
 - il-kodiċi NM 'ex 0305 20 95' għandu jinbidel bil-kodiċi NM 'ex 0304 20 94',
 - il-kodiċi NM 'ex 0305 59 90' għandu jinbidel bil-kodiċi NM 'ex 0305 59 80',
 - il-kodiċi NM 'ex 0305 69 90' għandu jinbidel bil-kodiċi NM 'ex 0305 69 80',
3. għan-Nru tas-Serje 09.1515:
 - il-kodiċi NM '2204 21 83' għandu jinbidel bil-kodiċi NM '2204 21 84',
 - il-kodiċi NM 'ex 2204 21 84' għandu jinbidel bil-kodiċi NM 'ex 2204 21 85',

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1) u 1(2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2004.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [3 ta' Awwissu 2005](#).

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni